MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' April, 2007

Numru 23/2004

**Il-Pulizija**
**(Supt. Raymond D. Anastas)**

**vs**

**Carmel Dimech**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Carmel Dimech** ta’ 44 sena, bin Salvu u Nazzarena *nee’* Farrugia, mwieled Haz-Zebbug, fil-31 ta’ Jannar, 1959, residenti ‘Our Nest’, Triq l-Indipendenza, Zebbug, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 97059M;

Talli fit-30 t'Awissu, 2003, ghall-habta tad-9:30am f'Haz-Zebbug zammejt, ostakolajt jew xort'ohra fixkilt jew ippruvajt izzomm, tostakola jew tfixkel xi ufficjali jew impjegati tal-Awtorita', jew xi ufficjal tal-Pulizija, jew ufficjal pubbliku, jew ufficjal jew impjegat ta' xi dipartiment tal-Gvern jew ta' Agenzija tal-Gvern jew a' xi Kunsill Lokali, fl-ezekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu taht il-Ligi, jew inqast milli taghmel dak li ragonevolment gejt mitlub li taghmel minn dik il-persuna kif imsemmi jew li tghinhom fil-qadi tad-dmirijiet taghhom, jew li xjentement tajt lil dik il-persuna informazzjoni mehtiega ghall-ghanijiet fuq imsemmija;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjajt jew heddidt jew ghamilt offiza fuq il-persuna ta' Ronnie Vella li huwa peresuna nkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku u dan filwaqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamle dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluiwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-ezekuzzzjoni ta' dan is-servizz;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakkajt jew ghamilt rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' Ronnie Vella liema persuna hija nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita kompetenti;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkagunajt feriti hfief fuq il-persuna ta' Ronnie Vella u dan skon kif iccertifika t-tabib Saviuor Cilia M.D tal-Poliklinika ta' Hal Qormi;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi heddidt lill-imsemmi Ronnie Vella bil-kliem u li stedint lil Ronnie Vella ghall-glied bil-gebel u talli ksirt il- bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorriex il-hames mitt lira Maltin imma hija izjed minn hamsin lira Maltin u

liema hsara saret fuq nuccali u dan ghad-dannu ta' Ronnie Vella;

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 u nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi, rat l-atti kollha tal-kawza u semghet is-sottomissjonijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi odjerni wara li ufficjali tal-MEPA rrapurtaw li kienu aggrediti mill-imputat fil-kors tax-xoghol taghhom. Ronnie Vella, enforcement officer mal-MEPA xehed illi fuq struzzjonijiet huwa acceda Haz-Zebbug flimkien mal-kollegi tieghu dwar bini li kien kolpit b'enforcement notice 426/03. Minkejja l-enforcement notice, innutaw li x-xoghol ta' kostruzzjoni kien ghaddej b'ritmu mghaggel u kellmu lill-imputat u nfurmawh li kien servut bi "stop and enforcement notice" dwar dak il-bini u ghalhekk kienu gew proprju biex iwaqqfuh. Wara li l-imputat irrifjuta li jieqaf mill-kostruzzjoni avzawh li ser ikollhom imorru ghall-assistenza tal-pulizija.

Jirrizulta illi l-enforcement officers regghu lura fuq il-post flimkien mal-Pulizija u l-imputat laqghahom b'tajjir personali u kliem hazin. Ix-xhud Ronnie Vella qal li hin minnhom, fost hafna storbju u theddid, l-imputat gholla idejh u tah daqqa go wiccu u siehbu zammu milli jaqa' lura. Vella ghamel pass lura biex jitlaq minn fuq il-post izda l-imputat qabad gebla u tefahha fid-direzzjoni tieghu izda ma ntlaqatx. Ix-xhud esebixxa certifikat mediku (Dok RD1) li juri li dan kellu gerha konsistenti fi dbengila fuq haddejh tax-xellug kompatibbli ma daqqa ta' ponn.

Mario Scicluna, ufficjal iehor tal-MEPA ikkonferma l-verzjoni ta' Ronnie Vella u zied jghid li l-imputat kien infurmahom li ma kien ser jieqaf ghall-ebda raguni. Wara li xejjer daqqa ta' ponn f'wicc Ronnie Vella, il-Pulizija rassew lill-imputat mal-hajt tal-garage izda dan harbilhom,

qabad gebla indaqqsa u waddaba fid-direzzjoni ta’ Vella izda ma laqtux. L-imputat offenda u hedded lil dan ix-xhud.

L-ex surgent 174 ikkonferma dan l-akkadut u zied jghid illi meta Vella rcieva d-daqqa ta’ ponn jista’ jkun li dan ta’ daqqa ta’ sieq lill-imputat.

L-ufficjali l-ohra tal-Pulizija lkoll ikkonfermaw din il-verzjoni tal-incident.

L-imputat xehed illi dakinhar kienu tfaccaw ufficjali tal-MEPA fuq kostruzzjoni ta’ bini tat-tifla tieghu u qal li l-ufficjal staqsieh jekk kienx mgharuf b’laqam u jekk kienx dak li waddab il-balavostri f’Haz Zebbug u minn hemm bdew jargumentaw u dan l-ufficjal beda jgharju. Meta gew il-Pulizija regghu bdew l-argumenti u Ronnie Vella tah daqqa fl-ghaksa u l-imputat jghid li qabad “zrara” u waddabielu (ara fol 77).

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti hija rinfaccjata b’deposizzjonijiet li kollha jaqblu bejnithom. L-imputat mhux daqstant innega dak li qalu l-ufficjali izda ta’ stampa li hu kien provokat u minflok li tefa gebla imdaqqsa lejn l-ufficjal tal-MEPA qal tefa zrara biex jiminimzza l-effett tal-agir tieghu. Wara li ezaminat bir-reqqa l-atti processwali, l-akkuzi jirrizultaw pruvati fil-grad rikjest mil-ligi hlief ghall-ahhar akkuza stante li ma ngiebet ebda prova taghha.

Ghal dawn il-mottivi issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu hlief ghall-ahhar akkuza li minnha qed ikun liberat;

Wara li rat l-artikoli 56(1) (d) tal-Att I tal-1992, 95(1), 96, 221, 338(dd) u 339 (1) (d) tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali raffrettarja tal-imputat u tqis illi fic-cirkostanzi piena karceraja mhix addatata u ghalhekk qed ikun applikat l-artikolu 21 tal-Kap 9. Ghal dawn il-mottivi

qed tikkundanna lill-imputat ghal-hlas ta’ multa ta’ Lm1000.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------